C/2024/7112

26.11.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11653 – ADNOC / NAVIG8 LIMITED / NAVIG8 GROUP)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/7112)

1. Fil-15 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Abu Dhabi Marine Business and Services Company P.J.S.C. ("ADNOC", l-Emirati Għarab Magħquda).

— Navig8 Limited ("Bejjiegħ", Bermuda),

— Navig8 Topco Holdings Inc. ("Navig8", il-Gżejjer Marshall), li bħalissa hija kollha ta' proprjetà tal-Bejjiegħ, u li tinkludi s-sussidjarja Integr8 Fuels Holding Inc. ("Integr8", il-Gżejjer Marshall).

ADNOC se takkwista, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Navig8 kollha kemm hi, bl-eċċezzjoni tas-sussidjarja Integr8. Barra minn hekk, ADNOC u l-Bejjiegħ se jakkwistaw, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Integr8.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— ADNOC tifforma parti mill-Grupp ADNOC, li huwa grupp tal-enerġija u tal-petrokimiċi li jopera tul il-katina tal-valur tal-idrokarburi kollha permezz ta' network ta' negozji integrati bis-sħiħ. ADNOC hija ta' proprjetà sħiħa tal-Gvern tal-Emirat ta' Abu Dhabi. Hija attiva prinċipalment fl-esplorazzjoni, il-produzzjoni, il-ħżin, ir-raffinar, u d-distribuzzjoni taż-żejt u l-gass, kif ukoll fl-iżvilupp ta' prodotti petrokimiċi.

— Il-bejjiegħ huwa s-sid attwali ta' Navig8 (li jinkludi l-Integr8).

— Navig8 hija fornitur integrat bis-sħiħ ta' servizzi ta' ġestjoni tat-tbaħħir, li topera bħala sid, operatur u noleġġatur attiv u sensar ta' bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa għat-trasport ta' likwidi, kif ukoll gruppi ta' trasport li jinkludu tankers għal prodotti raffinati u mhux raffinati u għas-setturi kimiċi. Integr8, sussidjarja ta' Navig8, hija negozju kummerċjali ta' fjuwil marin (fjuwil tal-bastimenti).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

Każ M.11653 – ADNOC / NAVIG8 LIMITED / NAVIG8 GROUP

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/IL-BELĠJU